# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

Nru. 4 MARZU, 1965

## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

F'din il-ħarġa ta' "Leħen il-Parroċċa" hawn imniżżlin il-ġranet ta' l-Eżerċizzi u l-ismijiet tal-predikaturi li ser jagħmluhom.

Dan għamilnieh għax jiġri xi drabi li wieħed igħid: "Iva, irrid nagħmilhom l-eżerċizzi", iżda minħabba ħafna impenji oħra, jispiċċa biex ma jagħmilhomx. Dan mhux għax ma riedx, iżda għax ma ħasibx biex iħalli dik il-ġimgħa għall-Eżerċizzi.

Kull min hu bil-għaqal u jieħu ħsieb ruħu m'għandux igħid il-kelma: "Imbagħad naħseb għall-Eżerċizzi", għax jispiċċa biex ma jagħmel xejn. Allura ħares mill-ewwel lejn id-dati u qis li f'dawn il-ġranet tibqa' liberu għal dawn il-ħinijiet ta' l-Eżerċizzi.

Tagħmel dnub jekk tħalli l-Eżerċizzi? Jekk tħalli l-Eżerċizzi ma tagħmilx dnub, iżda tibqa' bid-dnubiet li kellek. L-Eżerċizzi huma bżonnjużi għal kulħadd. Anki l-Papa, l-Isqfijiet u s-saċerdoti jkollhom l-Eżerċizzi għalihom, għax l-Eżerċizzi huma mezz biex wieħed iżomm ruħu fit-triq t'Alla. Ma jiswielna xejn jekk nirbħu d-dinja kollha mbagħad nitilfu ruħna. Mela għall-ġid ta' ruħkom, aħsbu kmieni u la tonqsux.

Min jaf kemm erwieħ ħarġu mit-triq tad-dnub bis-saħħa ta' l-Eżerċizzi Spiritwali! Alla jdawwal il-moħħ u jqanqal il-qalb bis-smigħ tal-kelma Tiegħu.

Tkunu mberkin.

IL-KAPPILLAN.

FOR COMPLETE SATISFACTION
BE SURE TO USE

**PASTA PORTELLI**

*FOR YOUR SPECIAL DINNER*

## PROSIT LILL-ISTUDENTI TA' ST. MICHAEL'S

Irridu nfaħħru u nirringrazzjaw lill-istudenti ta' St. Michael's Training College għall-biċċa xogħol sabiħa li daħlu għaliha. Avolja m'humiex mill-parroċċa tagħna, dawn iż-żgħażagħ ħassew li għandhom jgħinuna fil-bini tal-Knisja l-Ġdida. Bl-attivitajiet li qed jorganizzaw iridu jiġbru £1,000 biex bihom jagħmlu l-Via Sagra tal-knisja l-ġdida. Aħna l-Ġiljaniżi ta' dan nirringrazzjawhom minn qalbna.

## IKTBULNA

S'issa fuq dan il-foljett smajtu lilna biss nagħtukom xi tagħrif u informazzjonijiet. Nixtiequ nisimgħu anki lilkom. Għalhekk kull min għandu xi idea, xi lment, xi suġġeriment fuq il-ħajja parrokkjali, fuq il-funzjonijiet fil-knisja u fuq kwalunkwe ħaġa li tinteressa lill-Ġiljaniżi jiktbilna f'dan l-indirizz:

L-Editur "Leħen il-Parroċċa",

c/o Uffiċċju Parrokkjali — San Ġiljan.

## X'SER IKOLLNA F'MARZU

1. *EŻERĊIZZI:*

*Għax-Xebbiet:* Jibdew il-Hadd, 14 ta' Marzu, fl-4.00 p.m. jibda r-Rużarju. Matul il-ġimgħa fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara priedka.

*Predikatur:* Wisq Rev. Kan. John Sladden.

*Għan-Nisa:* Jibdew il-Hadd, 21 ta' Marzu. Fl-4.00 p.m. jibda r-Rużarju. Matul il-ġimgħa fis-2.45 p.m. jibda r-Rużarju.

*Predikatur:* Patri Timotju Azzopardi, O.Carm.

*Għall-Ġuvintur:* Jibdew it-Tnejn, 29 ta' Marzu: Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara l-priedka.

*Predikatur:* Dun Alwiġ Micallef.

*Għall-Irġiel:* Jibdew il-Hadd, 4 ta' April. Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara l-priedka.

*Predikatur:* Rev. Kan. Dun Mikiel Saliba.

3. *SAWM:*

F'dawn il-granet hemm l-obbligu tas-sawm u ma jiswiex laħam: 3 (Ras ir-Randan); 10, 12 u 13 (Kwattru Tempi); il-Ġimgħat kollha tar-Randan.

## INTENZJONIJIET TAL-PAPA GHAL MARZU

i) sabiex kull parroċċa tkun mimlija bi spirtu apostoliku missjunarju;
ii) għall-insara ippersegwitati fl-artijiet tal-missjoni.

## FTIT STORJA . . .

### Nru. 3 — "Il-Menqa u l-Istatwa ta' San Ġiljan"

Ħafna kienu l-isptarijiet li ġew imsejħa għall-Patrun tagħna. U minn dejjem San Ġiljan kien jaqla' ħafna grazzji kbar ta' fejqan, minn kull xorta ta' mard.

Fl-1836 (119-il sena ilu), ġiet imwaqqfa statwa ta' San Ġiljan fit-tarf ta' High Street minn nies tal-parroċċa tagħna, dik li l-lum hemm fir-Ramla ta' ġewwa. Taħt l-istatwa kien hemm nixxiegħa żgħira li tfawwar minn taħt il-bażi ta' l-istatwa għal ġol-bajja.

Fl-art kien hemm menqa żgħira taħt l-art u kellha tliet tarġiet li jagħtu għar-ramla. Din il-menqa kienet dejjem mimlija bl-ilma permezz tan-nixxiegħa żgħira taħt l-art li kienet tfawwar fin-nofs tal-qiegħ ramli.

Ommijiet minn kullimkien kienu jġibu lit-trabi morda tagħhom u jdaħħluhom f'din ix-xmara żgħira (imsejħa "Ix-xmara ta' San Ġiljan"), għall-fejqan ta' wliedhom.

Minn din id-drawwa u minn dan il-post tnissel il-qawl: "Mur inħasel San Ġiljan". Il-qawl, li l-lum spiċċa, kien jingħad b'devozzjoni kbira. Meta ġiet imwessgħa t-triq u l-bajja ġiet irranġata, il-menqa ġiet mimlija bid-debris.

Ma tkunx ħaġa ta' min ifaħħarha kieku xi għaqda minn tal-parroċċa, jew grupp ta' nies, jew il-Kumitat Ċiviku jieħdu ħsieb jiftħu l-menqa mill-ġdid u jżommuha bħala post storiku tal-parroċċa tagħna?

## L-GHAQDIET TAGHNA

### Il-Leġjun ta' Marija

Il-Leġjun ta' Marija hi għaqda tas-sekulari. L-imseħbin jistgħu jkunu rġiel u nisa, miżżewġin jew le, xebbiet u ġuvintur, tfal subien u bniet.

Il-għan tiegħu hu li jgħin lill-Isqfijiet u lis-Saċerdoti fix-xogħol ta' l-apostolat tagħhom, jiġifieri li jsalvaw ruħhom u jqaddsu lil għajrhom. L-imseħbin ta' din il-għaqda jinqasmu f'żewġ fergħat: *imseħbin Awżiljari*, li jitolbu għall-bżonnijiet tal-Leġjun; u *imseħbin Attivi*, li jiltaqgħu darba fil-ġimgħa u jagħmlu xogħol ta' apostolat. Kull frott li jitteħed mit-tħabrik u mill-ħidma tagħhom jagħarfuh mill-interċessjoni qawwija ta' Dik li l-Leġjunarji kollha jżommu u jaqdu bħala Sultana tagħhom.

Il-Leġjun ta 'Marija ġie mwaqqaf fl-Irlanda fl-1921, u minn hawn infirex ma' l-erba' rkejjen tad-dinja. Fl-1940 daħal ukoll f'pajjiżna u l-lum jinsab kważi fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex. Fil-parroċċa tagħna għandna diversi praesidia, kif jissejħu l-gruppi ta' membri meta jiltaqgħu flimkien. Għandna praesidium ta' l-irġiel, tan-nisa, tax-xebbiet u aktar minn wieħed tas-subien u tal-bniet. Il-membri jagħmlu ħafna xogħol utili u qaddis, bħalma huma t-tagħlim tad-duttrina lit-tfal, viżti fid-djar lill-familji, viżti lill-morda fid-djar u fl-isptarijiet, viżti bil-Madonna biex iħajru n-nies għall-Konsagrazzjoni, u xogħol ieħor.

## MULEJ AGHTIHOM IL-MISTRIEH TA' DEJJEM

| | | | |
|---|---|---|---|
| 27. | 1. | 65 | Helen Borg (68 sena) ta' 9, Bay Street. |
| 2. | 2. | 65 | Joseph M. Camilleri (71 sena) ta' 18, Wilġa Street. |
| 4. | 2. | 65 | Joseph Cassar (73 sena) ta' 62, Grenfell Street. |
| 5. | 2. | 65 | Teresa Scicluna (16-il xahar) ta' 28, Forrest Street. |
| 10. | 2. | 65 | Filippa Mifsud (62 sena) ta' 7, Fabri Lane. |
| 15. | 2. | 65 | Ġiljan Fenech. |

## NIFIRHULHOM U NAWGURAWLHOM

| | | | |
|---|---|---|---|
| 24. | 1. | 65 | Joseph Zammit mill-Hamrun ma' Nazarena Xiberras minn San Ġiljan. |
| 31. | 1. | 65 | Charles Vella minn San Ġiljan ma' Helen Sammut minn San Ġiljan. |
| 13. | 2. | 65 | Leonard Callus mill-Gżira ma' Marija Stella Mifsud minn San Ġiljan. |

## ERĠAJNA' LTQAJNA !

### Appell lill-Ġuvintur li m'humiex f'xi Għaqda Reliġjuża

Wara snin li kien ilu ma jkollna fergħa tal-ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika f'San Ġiljan, konna ftaħna b'xi tfal ta' wara l-Griżma fi Triq Sant'Anġlu, biex wara li kellna post aħjar taħt il-bini tal-knisja l-ġdida, erġajna' sfaxxajna u ħallejna ftit aspiranti.

Iżda għall-bidu ta' Novembru li għadda, erġajna' ltqajna' fis-sagristija tal-Knisja. M'aħniex qed inħabblu rasna għal post aħjar għalissa (billi l-bini ta 'taħt il-Knisja l-ġdida ser inħalluh għat-tfal subien li hemm — il-ġuvintur ta' għada!), u fejn qed niltaqgħu, kuntenti ħafna.

Qed niltaqgħu darba biss fil-ġimgħa għal issa, dejjem għal xi s-sebgħa ta' filgħaxija. Il-laqgħa, li qatt ma ddum iżjed minn nofs siegħa (xi ftit!) hi mqassma hekk: l-ewwel ħames minuti talba u ħsieb spiritwali ċkejken; għaxar minuti dwar il-parroċċa tagħna; u l-aħħar kwarta tagħlim morali u soċjali. Minn dawn l-għaxar minuti tal-laqgħat li saru s'issa, ħarġu attivitajiet li lkoll rajtu: Posters kbar tal-Milied; konkors ta' presepji; ħajjarna l-ħwienet biex iżejnu; u kieku t-temp kien tajjeb, kellna l-purċissjoni tal-Bambin.

Għeżież ġuvintur li m'intom fl-ebda għaqda reliġjuża, għaliex ma tidħlux magħna? Min irid jibda jiġi kull nhar ta' Erbgħa għal-laqgħat tagħna, għandu jkellem minnufih lil Dun Anton. Tgħidulniex le. Inkunu nistennewkom.

IL-PRESIDENT.

---

**THE HOUSE FOR THE MOST EXCLUSIVE TEXTILES AND HIGH GRADE SILK**

# K. KIRPO & SONS

**159, BRITANNIA STREET, VALLETTA, MALTA**

(Tel. C. 25502)

"Empire Press."